DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/1028

tad-19 ta' Lulju 2018

li tikkoreġi d-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2109 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE fir-rigward tal-inklużjoni tal-ispeċi ġodda u l-isem botaniku tal-ispeċi *Lolium x boucheanum* Kunth

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE tal-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-marketing ta' żerriegħa ta' pjanti tal-għalf ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21a tagħha,

Billi:

(1) Minħabba żball klerikali fid-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2109 ([2]) li emendat id-Direttiva 66/401/KEE, ir-referenza f'qiegħ il-paġna "(1)" fl-Anness III tad-Direttiva 66/401/KEE tħassret bi żball mill-entrata "*Poaceae (Gramineae)*". B'riżultat ta' dan, m'għadux possibbli għall-Istati Membri li jawtorizzaw li l-piż massimu tal-lott jiżdied b'25 tunnellata meta l-fornitur ikun ġie awtorizzat fir-rigward ta' dan minn awtorità kompetenti.

(2) Għalhekk l-Anness rilevanti għad-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2109 jenħtieġ li jiġi kkoreġut skont dan.

(3) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emenda għad-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2109

L-Anness tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/2109 qed jiġi emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

Traspożizzjoni

1. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2019.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom immedjatament jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

([1]) ĠU 125, 11.7.1966, p. 2298/66.

([2]) Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2109 tal-1 ta' Diċembru 2016 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE fir-rigward tal-inklużjoni tal-ispeċi ġodda u l-isem botaniku tal-ispeċi *Lolium x boucheanum,* Kunth (ĠU L 327, 2.12.2016, p. 59).

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 4

Destinatarji

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Lulju 2018.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNESS

Fil-punt 2 tal-Anness tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2109, li temenda l-Anness III tad-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE, fl-ewwel kolonna tat-tabella, l-entrata għal "*Poaceae (Gramineae)*" tiġi sostiwita bl-entrata li ġejja bin-nota ta' qiegħ il-paġna li takkumpanja:

"*Poaceae (Gramineae)* [1]

[1] Il-piż massimu tal-lott jista' jiżdied b'25 tunnellata jekk il-fornitur ikun ġie awtorizzat biex jagħmel dan minn awtorità kompetenti."